KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 22.9.2005
KUMM(2005) 429 finali

2005/0191 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili

(preżentata mill-Kummissjoni)

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- Il-bażi għall-proposta u l-għanijiet tagħha

Ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà fl-avjazzjoni ċivili ilu fis-seħħ minn Jannar 2003. L-esperjenza miksuba abbażi ta' l-ispezzjonijiet tal-Kummissjuni u l-applikazzjoni ta' kuljum tar-Regolament mill-Istati Membri turi li trasformazzjoni mgħaġġla f'leġiżlazzjoni ta' sett ta' rakkomandazzjonijiet li ma jorbtux li ġew żviluppati mill-Istati Membri wasslet, minħabba t-tfassil u l-adozzjoni mgħaġġla tar-Regolament b'reazzjoni għall-ġrajjiet tal-11 ta' Settembru 2001, għal numru ta' problemi li jaffettwaw l-implimentazzjoni tiegħu b'manjiera aktar konkreta.

Huwa għalhekk xieraq li dan ir-Regolament jinbidel. L-għan huwa li r-rekwiżiti legali jiġu ċċarati, issimplifikati u armonizzati aktar sabiex is-sigurtà komplessiva ta' l-avjazzjoni ċivili tittejjeb. Ir-Regolament ta' qafas ġdid għandu jistipula biss il-prinċipji bażiċi ta' x'għandu jsir sabiex l-avjazzjoni ċivili titħares minn atti ta' interferenza illegali, filwaqt li atti ta' implimentazzjoni għandhom jistipulaw id-deċiżjonijiet tekniċi u proċedurali dwar kif dan għandu jinkiseb.

Il-Kummissjoni hija tal-fehma li regolament ġdid ikun każ ċar u eżempju ewlieni ta' Regolazzjoni Aħjar.

- **Kuntest ġenerali**

Ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 ġie żviluppat b'riżultat tal-ġrajjiet traġiċi tal-11 ta' Settembru 2001 fl-Istati Uniti ta' l-Amerka, meta erba' ajruplani tal-passiġġieri nħatfu, b'konsegwenzi orrendi. Proposta leġiżlattiva għalhekk tfasslet malajr u fis-16 ta' Diċembru 2002 skond il-proċedura taħt l-Artikolu 251 tat Trattat KE, ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 li jistipula r-rekwiżiti bażiċi għas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ġie adottat.

Dan ir-regolament issa ilu fis-seħħ għal madwar sentejn u nofs u ġie kkomplementat minn leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni, żviluppata permezz tal-komitoloġija, kif previst mill-Artikoli 4 u 9 tar-Regolament. Kellu wkoll reviżjoni żgħira – ir-Regolament (KE) Nru 849/2004 – sabiex jissewwew xi żbalji żgħar fit-test oriġinali.

L-esperjenza maż-żmien uriet li r-regolament huwa ddettaljat wisq u jeħtieġ li jiġi ssimplifikat. Livell daqshekk għoli ta' detall f'leġiżlazzjoni ta' qafas adottata permezz tal-kodeċiżjoni jfisser li r-reviżjoni legali sabiex jitqiesu l-iżviluppi tekniċi jew operazzjonali tkun imprattika. Din hija strateġija preskrittiva żżejjed f'leġiżlazzjoni ta' qafas, u għandha tinbidel bi prinċipji ġenerali b'dettalji miżjuda, fejn hu meħtieġ, fil-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni.

Filwaqt li tagħraf il-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-Kummissjoni hija ta' l-opinjoni li livell ogħla ta' armonizzazzjoni ta' miżuri u proċeduri ta' sigurtà minn dak li jeżisti bħalissa huwa mixtieq. Partikolarment, l-industrija (linji ta' l-ajru, kumpaniji tat-trasport tat-tagħbija bil-baħar u intermedjarji tal-merkanzija, manifatturi tat-tagħmir) għandha interess leġittimu li tara livelli ogħla ta' armonizzazzjoni għal raġunijiet ta' faċilitazzjoni. Filfatt, jeżistu sitwazzjonijiet fejn

il-faċilitazzjoni tista' tinkiseb permezz ta' aktar armonizzazzjoni mingħajr ma tiġi kompressa b'ebda mod is-sigurtà. F'dan ir-rigward il-Kummissjoni tifhem, tappoġġa u ssegwi l-ħtiġijiet u l-orjentazzjonijiet ta' l-industrija.

Eżempju wieħed ta' fejn hemm nuqqas ta' armonizzazzjoni jirrigwarda s-sigurtà tal-merkanzija ta' l-ajru. Il-Punt 6.2(b) ta' l-Anness għar-Regolament (KE) 2320/2002 jippermetti li l-awtorità kompetenti tiddefinixxi r-regoli għall-aġenti rregolati. Dan irriżulta fl-eżistenza ta' 25 sistema nazzjonali u distorsjoni potenzjali konsegwenti tal-kompetizzjoni u l-inabbiltà ta' l-industrija li tibbenefika mil-libertajiet tas-Suq Uniku.

Aktar armonizzazzjoni tista' tiġi żviluppata f'aktar dettall fil-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni. Fl-eżempju tas-sigurtà tat-tagħbija ikun imbagħad possibbli li rekwiżiti ta' sigurtà għal aġenti rregolati u kumpaniji tat-trasport bil-baħar jintrabtu mal-kunċett ta' Operatur Ekonomiku Awtorizzat li ġie żviluppat fil-leġiżlazzjoni tad-dwana tal-Komunità.

Armonizzazzjoni miżjuda hija wkoll element integrali ta' 'sigurtà minn waqfa waħda' – il-kunċett ta' kif passiġġieri bagalji u tagħbija ta' trasferiment jew tranżitu, m'għandhomx għalfejn jerġgħu jgħaddu mill-iskrining peress li teżisti l-kunfidenza li l-livelli bażiċi ta' sigurtà intlaħqu fl-ajruport oriġinali tat-tluq. Għal darb'oħra, dan huwa element li jibbenefikaw minnu l-operaturi f'suq kompetittiv ħafna.

Flimkien mar-reviżjoni tar-regolament dwar ir-raġunijiet għas-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni, reviżjoni tar-regolament tista' tiżgura aktar ċarezza. Il-kumplessità ta' elementi fir-regolament uriet li teżisti l-possibbiltà għal interpretazzjonijiet differenti tar-rekwiżiti legali. Hemm ukoll ambigwità f'partijiet mit-test. Iċ-ċarezza se tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' l-istandards ta' sigurtà u għaċ-ċertezza legali.

Ir-regolament ġdid propost ikun ifittex li jindirizza kwistjonijiet bħal dawn permezz tat-titjib taċ-ċarezza kumplessiva u ċ-ċertezza legali (u għalhekk il-kwalità) tal-leġiżlazzjoni u, b'hekk, inaqqas il-lok għal miżinterpretazzjoni.

Diġà saret referenza għall-inflessibbiltà li tirriżulta minn standards operazzjonali u tekniċi f'leġiżlazzjoni kodeċiżjonali. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li fid-dawl tar-riskji li qed jevolvu kontinwament maż-żmien, il-kapaċità ta (re)azzjoni bla dewmien hija ta' importanza ewlenija fit-titjib tal-livelli kumplessivi ta' sigurtà. Din il-kapaċità li taġixxi u tirreaġġixxi b'ħeffa, jekk hu meħtieġ, għandha tirkeb tħassib potenzjonali fir-rigward tal-bilanċ istituzzjonali għall-iżvilupp tal-leġiżlazzjoni. Strateġija bħal din hija, dażgur, mingħajr preġudizzju għar-riżerva ta' skrutinju li għandu l-Parlament Ewropew għal-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni li hija adottata permezz tal-proċess ta' komitoloġija.

Finalment, kwistjoni ta' tħassib hija li r-regolament korrenti huwa disponibbli għall-pubbliku. B'konsegwenza, kull emenda li ssirlu wkoll tkun disponibbli għall-pubbliku. Fil-fehma tal-Kummissjoni, mhuwiex mixtieq li miżuri u proċeduri dettaljati ta' sigurtà jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, peress li terroristi potenzjali jistgħu jużaw l-informazzjoni sabiex ifittxu d-dgħufiji fis-sigurtà ta' l-avjazzjoni sabiex iwettqu atti illegali. B'mod simili, mhux fl-interess pubbliku li jiġu ppublikati żviluppi ġodda fis-sigurtà. Billi dettalji operazzjonali jitqiegħdu f'leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni, din il-kwistjoni tista' tiġi indirizzata.

- **Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 tal-Parlament Ewropew u ual-Kunsill jistabbilixxi regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà fl-avjazzjoni ċivili. Il-proposta hija maħsuba li tieħu post dan l-att leġiżlattiv.

- **Konsistenza ma' oqsma ta' politika u għanijiet oħra ta' l-Unjoni**

Il-proposta hija maħsuba li tieħu post ir-regolament eżistenti sabiex tinġieb 'il quddiem leġiżlazzjoni aħjar, fuq il-bażi ta' erba' prinċipji: dawk tas-simplifikazzjoni, ta' l-armonizzazzjoni, tal-kjarifika u tat-titjib tal-livelli ta' sigurtà.

## 2. KONSULTAZZJONI TA' PARTIJIET INTERESSATI U EVALWAZZJONI TA' L-IMPATT

- **Konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

*Il-metodi ta' konsultazzjoni, is-setturi ewlenin fil-mira u l-profil ġenerali ta' min wieġeb*

L-organizzazzjonijiet ewlenin fil-qasam li jirrappreżentaw il-linji ta' l-ajru, l-ajruporti, il-piloti u l-kumpaniji tat-tagħbija kollha kienu attivament involuti fi grupp ta' ħidma li għen lill-Kummissjoni fl-iżvilupp ta' standards li huma riflessi fil-proposta tal-Kummissjoni.

*Sinteżi tar-reazzjonijiet u kif tqiesu*

L-organizzazzjonijiet interessati jappoġġaw, ġeneralment, l-għan li jitnaqqas id-dettal fil-leġiżlazzjoni ta' qafas, sakem jistgħu ikollhom rwol attiv fl-iżvilupp ta' leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni komplementari.

- **Il-ġbir u l-użu ta' l-għarfien espert**

Ma kienx hemm bżonn ta' għarfien espert barrani.

- **L-evalwazzjoni ta' impatt**

Minħabba li l-proposta hija maħsuba li tieħu post ir-regolament ta' qafas ezistenti, m'hu se jkun hemm l-ebda impatt mill-adozzjoni tagħha. B'konsegwenza, djalogu ma' organizzazzjonijiet interessati, minflok evalwazzjoni ta' impatt formali, tqies li jkun aktar xieraq fiċ-ċirkostanzi.

Il-leġiżlazzjoni ma għandha l-ebda impatt soċjali jew ambjentali.

## 3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- **Sinteżi ta' l-azzjoni proposta**

B'eċċezzjoni waħda, mhijiex ix-xewqa tal-Kummissjoni li tibdel sostanzjalment il-kompetenzi tagħha fil-qasam tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili permezz ta' reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 2320/2002. Min-naħa l-oħra, dak li qed tipproponi huwa bidla fil-bilanċ tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi bejn dawk stipulati fil-leġiżlazzjoni ta' qafas (ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 kurrenti, kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 849/2003) u dawk stipulati fil-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni li minnha bħalissa hemm biss seba' atti: ir-Regolamenti

tal-Kummissjoni (KE) Nri 622/2003/1217/2003, 1486/2003, 68/2004, 1138/2004, 781/2005 u 857/2005.

B'hekk ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 jinbidel b'regolament simplifikat u aktar ċar li jistabbilixxi prinċipji ġenerali. Dawk id-dettalji, misluta mil-leġiżlazzjoni ta' qafas jiġu, minflok, introdotti fil-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni, li tiġi emendata kif jixraq.

F'dan ir-rigward wieħed għandu jinnota li l-proposta hija bejn wieħed u ieħor nofs id-daqs tar-regolament kurrenti.

L-unika kompetenza addizzjonali mfittxa tirrigwarda r-regoli għal miżuri ta' sigurtà matul it-titjira. Tkopri oqsma differenti bħalma huma l-aċċess għall-kabina tal-kontroll, passiġġieri indixxiplinati u uffiċjali ta' sigurtà għat-titjira ('sky marshals') Bħalissa ma teżistix leġiżlazzjoni Komunitarja li tkopri miżuri ta' sigurtà matul it-titjira. Fil-fehma tal-Kummissjoni, regoli armonizzati l-aħjar li jkunu indirizzati bħala element tal-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà ta' l-avjazzjoni, permezz ta' leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni. Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni bħal din tkun żviluppata biss hekk kif u meta regoli bħal dawn jiqiesu meħtieġa fuq livell Komunitarju. Barra minn hekk, wieħed għandu jinnota li l-Kummissjoni ma' għandha l-ebda ħsieb li ġġiegħel xi Stat Membru jaċċetta uffiċċjali tas-sigurtà ta' matul it-titjiriet abbord inġenji ta' l-ajru u l-proposta bl-ebda mod ma tfittex li tbiddel is-sovranità eżistenti fuq din il-kwistjoni.

- **Il-Bażi legali**

L-Artikolu 80(2) tat-Trattat KE

- **Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-prinċipju ta' sussidjarjetà japplika sakemm il-proposta ma' taqax taħt il-kompetenza esklussiva tal-Komunità.

L-għanijiet ta' din il-proposta ma jistgħux jinkisbu għal kollox mill-Istati Membri għal din/dawn ir-raġuni/jiet.

Fid-dawl ta' l-iskala wiesgħa Komunitarja ta' kwistjonijiet tas-sigurtà ta' l-ajru u n-natura avvanzata ħafna tas-suq intern ta' l-avjazzjoni, l-għanijiet jinkisbu aħjar mill-Komunità milli fuq livell nazzjonali.

L-azzjoni Komunitarja se tilħaq b'mod aħjar l-għanijiet tal-proposta għar-raġuni/jiet li ġejja/in.

Ir-regolament kurrenti diġà wera għalfejn azzjoni fuq livell Komunitarju hija l-aktar xierqa.

Ir-regolament kurrenti diġà wera li strateġija Komunitarja għas-sigurtà ta' l-avjazzjoni tgħolli kemm l-istandards kumplessivi kif ukoll il-kunfidenza reċiproka bejn l-Istati Membri.

Hekk kif inhu l-każ bil-leġiżlazzjoni eżistenti li din il-proposta hija maħsuba li tidħol minflokha, l-għanijiet ta' l-att il-ġdid propost jinkisbu aħjar fuq livell Komunitarju fid-dawl ta' l-iskala tal-kwistjonijiet tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni mifruxa mal-Komunità kollha u n-natura avvanzata tas-suq intern ta' l-avjazzjoni.

Il-proposta hija għalhekk konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

- **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju ta' proporzjonalità għar-raġuni(jiet) li ġejjin.

Hekk kif inhu il-każ bil-leġiżlazzjoni eżistenti, l-att propost il-ġdid jistipula standards bażiċi komuni, iżda jippermetti lill-Istati Membri japplikaw miżuri aktar stretti jekk it-theddida tesiġi hekk.

Il-proposta ma tindirizzax il-kwistjoni ta' finanzjament tas-sigurtà. Min għandu jħallas għas-sigurtà – l-industrija jew l-Istat – kien suġġett ewlieni ta' diskussjoni matul l-adozzjoni tar-Regolament 2320/2002. Il-konklużjoni dak iż-żmien kienet impenn f'Dikjarazzjoni Interistituzzjonali li l-Kummissjoni kellha tibda studju li jindirrizza "partikolarment il-mod li bih il-finanzjament [tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni] jinqasam bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-operaturi u li jitressqu quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ir-riżultati u l-proposti jekk ikun xieraq". Studju bħal dan sar u r-riżultati ġew ippubblikati f'Settembru 2004 u mqiegħda fuq is-sit tal-Kummissjoni fuq: http://europa.eu.int/comm/transport/air/safety/studies_en.htm. Il-konklużjonijiet tar-rapporti għandhom jintużaw bħala l-bażi ta' Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li se tħares lejn il-finanzjament tas-sigurtà għall-modi kollha tat-trasport. Din l-azzjoni hija prevista għall-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2005 u d-data maħsuba tat-tlestija hija l-aħħar ta' l-2005. L-inizjattiva leġiżlattiva sabiex jinbidel ir-Regolament 2320/2002 b'hekk saret mingħajr ma ġew ippreġudikati la l-Komunikazzjoni imminenti tal-Kummissjoni u lanqas il-mod li bih hija ffinanzjata s-sigurtà ma' l-Komunità kollha kemm hi.

- **Għażla ta' strumenti**

L-istrument propost: regolament

Mezzi oħra ma jkunux adattati għar-raġuni(jiet) li ġejjin:

Il-proposta tieħu post ir-regolament eżistenti. Ir-regolament kien oriġinarjament maħsub bħala l-aktar strument xieraq a) sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tar-regoli fil-Komunità u b) sabiex tiġi żgurata l-adozzjoni l-aktar mgħaġġla possibbli tar-regoli komuni wara l-ġrajjiet tal-11 ta' Settembru 2001.

## 4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta m'għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit Komunitarju.

## 5. INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

- **Simplifikazzjoni**

Il-proposta tipprevedi s-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

L-esperjenza maż-żmien uriet li r-Regolament (KE) Nru 2320/2002 huwa ddettaljat wisq u jeħtieġ li jiġi ssimplifikat. Livell daqshekk għoli ta' detall f'leġiżlazzjoni ta' qafas adottata permezz tal-kodeċiżjoni jfisser li r-reviżjoni legali sabiex jitqiesu l-iżviluppi tekniċi jew operazzjonali tkun imprattika ħafna.

Bħala eżempju ta' dan, il-punt 4.1.1 ta' l-Anness għar-regolament jistipula żewġ modi li bih jistgħu jiġu *screened* il-passiġġieri – bl-idejn jew permezz ta' metal-detekter li tgħaddi minn ġo fih. Madankollu, fil-futur prevedibbli forom ġodda bbażati fuq it-teknoloġija ta' skrining tal-passiġġieri se joffru mod alternattiv realistiku u preċiż ħafna ta' kif jinsabu oġġetti pprojbiti. Sfortunatament, teknoloġiji minbarra dawk deskritti f'4.1.1 ta' l-Anness għar-regolament ma jistgħux jintużaw għal dan il-għan sakem l-anness jiġi emendat kif jixraq. Peress li tinħtieġ il-proċedura ta' kodeċiżjoni, dan ma jistax isir malajr, b'effetti potenzjalment negattivi fuq l-avjazzjoni bħala konsegwenza. Dan huwa biss eżempju wieħed minn ħafna.

L-adozzjoni tal-proposta twassal għar-revoka tar-Regolament 2320/2002 u wkoll tar-Regolament 849/2004 li emendah. Il-proposta b'hekk issegwi l-impenn tal-Kummissjoni li tnaqqas il-burokrazija billi l-ewwel tħassar għal kollox il-leġiżlazzjoni eżistenti - il-prinċipju ta' "il-ġdid flok il-qadim".

Il-proposta hija inkluża fil-programm kurrenti tal-Kummissjoni għall-aġġornament u s-simplifikazzjoni ta' l-acquis communautaire u l-Programm ta' Ħidma u ta' Leġiżlazzjoni taħt ir-referenza 2005/TREN/016.

- **Revoka tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

L-adozzjoni tal-proposta se twassal għar-revoka tal-leġiżlazzjoni eżistenti.

- **Iż-Żona Ekonomika Ewropea**

L-att propost jirrigwarda kwistjoni taż-ŻEE u għandu għalhekk jestendi għaż-Żona Ekonomika Ewropea.

- **Spjegazzjoni detalljata tal-proposta**

L-Artikolu 1 jistipula l-għanijiet, jiġifieri prinċipalment l-istabbiliment ta' regoli komuni għall-ħarsien ta' l-avjazzjoni ċivili minn atti ta' intereferenza illegali. L-Artikolu 1 mhux sostanzjalment differenti mill-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 2320/2002.

L-Artikolu 2 jindirizza l-firxa ta' l-applikazzjoni. It-test sar aktar ċar milli hu fir-regolament kurrenti sabiex jagħti ċertezza legali li r-regolament japplika kemm għall-ajruporti Komunitarji li jaqdu l-avjazzjoni ċivili, għal operaturi li jipprovdu servizzi f'ajruporti minn dawn u għal entitajiet li jaqdu funzjonijiet tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni għal titijiriet minn dawn l-ajruporti (pereżempju faċilitajiet ta' ikel jew ta' tagħbija li ma jinsabux fil-perimetru ta' l-ajruport).

L-Artikolu 3 jistipula d-definizzjonijiet

L-Artikolu 4 jirreferi għall-istandards komuni li għandhom jiġu stabbiliti fil-liġi Komunitarja inklużi dawk il-miżuri li għandhom jiġu indirizzati fil-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni.

L-Artikolu 5 jippermetti lill-Istati Membri japplikaw miżuri aktar stretti ta' sigurtà. Il-prinċipju ma jinbidilxx mill-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 2320/2002. Madankollu, il-proposta l-ġdida tirrikjedi li l-Istati Membri jimpenjaw ruħhom kemm biex iwettqu evalwazzjoni tar-riskju u kemm biex jiġġustifikaw azzjoni bħal din, f'termini ġenerali, jekk jintalbu dan mill-Kummissjoni. B'hekk jiġu indirrizzati l-biżgħat tal-partijiet interessati li l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jgħabbu lill-industrija b'rekwiżiti addizzjonali ta' sigurtà

mingħajr il-ħtieġa li jiġġustifikaw l-azzjonijiet tagħhom. Azzjonijiet mill-Istati Membri b'reazzjoni għal informazzjoni speċifika ta' theddid b'għandhomx ikunu preġudikati minn din il-leġiżlazzjoni u għalhekk rekwiżiti ogħla ta' sigurtà jaqgħu barra mir-rekwiżiti ta' dan l-artikolu.

L-Artikolu 6 huwa ġdid. Jindirizza s-sitwazzjoni fejn pajjiż terz jesiġi miżuri ta' sigurtà differenti minn ajruporti Komunitarji minn dawk stabbiliti minn leġiżlazzjoni Komunitarja.

L-Artikolu 7 jirrepeti r-rekwiżiti (bħalissa jinsabu fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 2320/2002) li għandu jkun hemm awtorità unika f'kull Stat Membru li hija responsabbli għall-koordinazzjoni u l-monitoraġġ ta' l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni.

L-Artikoli 8-12 jesiġu li għandu jkun hemm programmi ta' sigurtà fuq il-livelli nazzjonali, ta' ajruporti u ta' trasportaturi bl-ajru, kif ukoll għall-entitajiet kollha l-oħra b'funzjonijiet ta' sigurtà ta' l-avjazzjoni. L-artikolu mhux sostanzjalment differenti minn obbligi fl-Artikoli 5(1) u 5(4) tal-leġiżlazzjoni eżistenti, iżda ma jesiġix għall-ewwel darba fil-leġiżlazzjoni Komunitarja, programm ta' sigurtà minn kumpaniji intermedjarji tat-tagħbija jew kumpaniji tal-provvisti ta' l-ajru. Ir-rekwiżit għal programmi ta' sigurtà jirrifletti l-aħjar prassi kurrenti fis-settur ta' l-avjazzjoni u, għaldaqstant, mhux ta' piż sinifikanti fuq l-industrija jew l-amministrazzjonijiet.

L-Artikolu 13 jistipula obbligu għal kull Stat Membru li dan jimpenja ruħu f'attivitajiet ta' monitoraġġ ta' konformità permezz ta' programm nazzjonali ta' kontroll tal-kwalità. Dan l-artikolu fih l-obbligi stipulati fl-Artikoli 5(3) u 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 2320/2002.

L-Artikolu 14 jippermetti spezzjonijiet tal-Kummissjoni ta', fost l-oħrajn, ajruporti Komunitarji. Ġeneralment ma jinbidilx mid-dispożizzjonijiet ta' l-Aritkolu 7 (2 sa 4) tar-Regolament (KE) Nru 2320/2002.

L-Artikolu 15 jindirizza t-tixrid ta' l-informazzjoni.

L-Artikolu 16 iwaqqaf il-Kumitat li għandu jgħin lill-Kummissjoni fl-iżvilupp tal-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni. Sostanzjalment ma jinbidilxx mill-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 2320/2002.

L-Artikolu 17 jibdel l-Artikolu 10 kurrenti dwar is-sigurtà ta' titjiriet minn pajjiżi terzi. Jipprevedi ftehimiet bejn il-Komunità u pajjiżi terzi li jippermettu l-possibbiltà li passiġġieri, bagalji u tagħbija li qed jiġu trasferiti f'ajruporti Komunitarji ma jkunux jeħtieġu skrining mill-ġdid u/jew kontrolli addizzjonali ta' sigurtà.

L-Artikolu 18 jobbliga li jiġu stabbiliti penali kontra dawk li jonqsu milli jaderixxu mar-rekwiżiti Komunitarji dwar is-sigurtà ta' l-avjazzjoni. Dan ir-rekwiżit ma jinbidilxx minn dak li hu stipulat bħalissa fl-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 2320/2002.

L-Artikoli 19 u 20 jirrevokaw ir-regolament eżistenti u jibdluh b'dan l-att il-ġdid. Jippermettu implimentazzjoni f'fażijiet sabiex il-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni eżistenti li tikkomplementa r-Regolament (KE) Nru 2320/2002 tista' tiġi aġġornata bi proċedura tal-Kumitat u b'hekk tinġieb f'konformità ma' l-att il-ġdid sabiex jiġu evitati lakuni meta r-Regolament eżistenti jiġi revokat.

Jekk induru għall-Anness ta' l-att il-ġdid, dan huwa strutturat bl-istess mod bħall-Anness għar-Regolament (KE) Nru 2320/2002. Madankollu, il-kontenut ta' kull kapitolu ta' l-Annes

ġie ssimplifikat f'ġabriet ta' prinċipji ġenerali. Filwaqt li huma meħtieġa r-regoli, dawn għandhom jiġu żviluppati permezz ta' leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni. Pereżempju – il-kapitolu 4 l-ġdid dwar il-passiġġieri u l-bagalji tal-kabina huwa bejn wieħed u ieħor nofs il-kapitolu 4 eżistenti f'termini ta' daqs. Il-kapitolu 10 biss dwar miżuri ta' sigurtà matul it-titjira ma kienx jeżisti fir-Regolament kurrenti.

2005/0191 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili**

**(Test b'relevanza għall-EEA)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA’ L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[2],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[3],

Filwaqt li jaġixxu bi qbil mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat[4],

Billi:

(1) Sabiex jiġu protetti l-persuni u l-oġġetti fi ħdan l-Unjoni Ewropea, atti ta' interferenza illegali ma' inġenji ta' l-ajru ċivili m'għandhomx jitħallew isiru permezz ta' l-istabbiliment ta' regoli komuni għall-ħarsien ta' l-avjazzjoni ċivili. Dan il-għan għandu jinkiseb permezz ta' l-istabbiliment ta' regoli u standards komuni dwar is-sigurtà ta' l-avjazzjoni kif ukoll mekkaniżmi sabiex tiġi sorveljata l-aderenza magħhom.

(2) Huwa mixtieq, fl-interessi tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili in ġenerali, li tiġi pprovduta l-bażi għal interpretazzjoni komuni dwar il-kwistjoni ta' April 2002 ta' l-Anness 17 għall-Konvenzjoni ta' Chicago dwar l-Avjazzjoni Ċivili tas-7 ta' Diċembru 1944.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà fl-avjazzjoni ċivili[5] ġie adottat b'riżultat tal-ġrajjiet tal-11 ta' Settembru 2001 fl-Istati Uniti.

(4) Il-kontenut tar-Regolament (KE) Nru 2320/2002 għandu jiġi rivedut fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba, u r-Regolament innifsu għandu jinbidel b'att ġdid li jimmira għas-simplifikazzjoni, l-armonizzazzjoni u l-kjarifika tar-regoli eżistenti u t-titjib tal-livelli tas-sigurtà.

---

1 ĠU C [...], [...], p. [...].
2 ĠU C [...], [...], p. [...].
3 ĠU C [...], [...], p. [...].
4 ĠU C [...], [...], p. [...].
5 ĠU L 355, tat-30.12.2002, p.1

(5) Minħabba l-ħtieġa għal aktar flessibilità fl-adozzjoni ta' miżuri u proċeduri ta' sigurtà sabiex l-evalwazzjonijiet ta' riskju li qed jevolvu jiġu sodisfatti u sabiex teknoloġiji ġodda jkunu jistgħu jiġu introdotti, l-att il-ġdid għandu jistipula l-prinċipji bażiċi ta' x'għandu jsir sabiex l-avjazzjoni ċivili titħares kontra atti ta' interferenza illegali mingħajr ma jidħol fid-dettalji tekniċi u proċedurali ta' kif għandhom jiġu implimentati.

(6) L-att il-ġdid għandu japplika għal ajruporti li jaqdu l-avjazzjoni ċivili li jinsabu fit-territorju ta' Stat Membru, għal operaturi li jipprovdu servizzi f'ajruporti bħal dawn u għal entitajiet li jipprovdu merkanzija u/jew servizzi għal jew permezz ta' ajruporti bħal dawn.

(7) Mingħajr preġudizzju għall-Konvenzjoni dwar reati u ċerti atti oħra li jsiru abbord l-inġenji ta' l-ajru, Tokyo, 1963, il-Konvenzjoni dwar it-trażżin tal-ħtif illegali ta' l-inġenji ta' l-ajru, The Hague, 1970 u l-Konvenzjoni għat-trażżin ta' atti illegali kontra s-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili, Montreal 1971, l-att il-ġdid għandu jkopri miżuri ta' sigurtà li japplikaw abbord l-inġenji ta' l-ajru, jew matul titjira, ta' trasportaturi bl-ajru Komunitarji.

(8) Id-diversi tipi ta' avjazzjoni ċivili mhux bilfors jippreżentaw l-istess livell ta' theddid. Fl-iffissar ta' standards komuni dwar is-sigurtà ta' l-avjazzjoni, id-daqs ta' l-inġenji ta' l-ajru, in-natura ta' l-operazzjoni u/jew il-frekwenza ta' operazzjonijiet fl-ajruporti għandha titqies bil-għan li jkunu jistgħu jiġu permessi l-għotjiet ta' derogi.

(9) L-Istati Membri għandhom ikunu permessi wkoll, fuq il-bażi ta' evalwazzjoni tar-riskju, li japplikaw miżuri aktar iebsa minn dawk li għandhom jiġu stabbiliti. Madankollu, għandu jkun possibbli għall-Kummissjoni li teżamina dawk il-miżuri aktar iebsa u li tiddeċiedi jekk Stat Membru jistax ikompli japplikahom.

(10) Pajjiżi terzi jistgħu jesiġu l-applikazzjoni ta' miżuri li huma differenti minn dawk stabbiliti f'dan l-att fir-rigward ta' titjiriet minn ajruport fi Stat Membru lejn, jew minn fuq, dak il-pajjiż terz. Madankollu, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe ftehim bilaterali li għalih hija parti l-Komunità, għandu jkun possibbli għall-Kummissjoni li teżamina l-miżuri rekwiżiti mill-pajjiż terz u li tiddeċiedi jekk Stat Membru, operatur jew entità oħra kkonċernata tistax tkompli tapplika l-miżuri rekwiżiti.

(11) Ukoll jekk, fi ħdan Stat Membru wieħed, jista' jkun hemm żewġ korpi jew entitajiet, jew ukoll aktar, li huma involuti fis-sigurtà ta' l-avjazzjoni, kull Stat Membru għandu jiddeżinja awtorità unika responsabbli għall-koordinazzjoni u s-sorveljanza ta' l-implimentazzjoni ta' l-istandards tas-sigurtà.

(12) Sabiex ikunu definiti r-responsabbiltajiet għall-implimentazzjoni ta' l-istandards komuni u sabiex jiġu deskritti liema miżuri huma rekwiżiti mill-operaturi u entitajiet oħra għal dan il-għan, kull Stat Membru għandu jfassal programm nazzjonali għas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili. Barra minn hekk, l-operaturi ta' l-ajruport, it-trasportaturi bl-ajru u l-entitajiet kollha li japplika standards tas-sigurtà ta' l-ajru għandhom ifasslu, japplikaw u jżommu operazzjonali programm ta' sigurtà sabiex jaderixxu ma' l-att il-ġdid u ma' kwalunkwe programm nazzjonali tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili li huwa applikabbli.

(13) Sabiex jissorvelja l-aderenza ma' l-att il-ġdid u mal-programm nazzjonali tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili, kull Stat Membru għandu jfassal u jassigura l-implimentazzjoni ta' programm nazzjonali sabiex tiġi kkontrollata l-kwalità tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili.

(14) Sabiex tissorvelja l-applikazzjoni mill-Istati Membri ta' l-att il-ġdid, u wkoll sabiex tidentifika l-punti dgħajfa fis-sigurtà ta' l-avjazzjoni, il-Kummissjoni għandha tagħmel spezzjonijiet, inklużi spezzjonijiet għall-għarrieda.

(15) Atti ta' implimentazzjoni li jistipulaw miżuri u proċeduri komuni għall-implimentazzjoni ta' l-istandards komuni u li jkun fihom informazzjoni sensittiva dwar is-sigurtà, flimkien ma' rapporti ta' spezzjonijiet tal-Kummissjoni u risposti ta' l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jitqiesu bħala "informazzjoni klassifikata ta' l-UE" fl-ambitu tat-tifsira mogħtija fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/844/KE, KEFA, Euratom tad-29 ta' Novembru 2001 li temenda r-regoli interni ta' proċedura[6] Dawk l-elementi m'għandhomx jiġu ppubblikati; għandhom isiru disponibbli biss lil dawk l-operaturi u entitajiet b'interess leġittimu.

(16) Il-miżuri u l-proċeduri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati b'mod konformi mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi proċeduri għall-eżerċizzju ta' poteri ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni[7].

(17) Sabiex il-passiġġieri u l-bagalji ta' trasferiment ikunu jistgħu jiġu eżentati mill-iskrining meta jaslu fuq titjira minn pajjiż terz, li huwa magħruf bħala l-kunċett ta' "sigurtà f'waqfa waħda"/ "*one-stop security*", kif ukoll sabiex passiġġieri li jaslu fuq titjiriet bħal din ikunu jistgħu jitħalltu ma' passiġieri sejrin li diġa għaddew mill-iskrining, huwa xieraq li jingħata inkoraġġiment għal ftehimiet bejn il-Komunità u pajjiżi terzi, li jagħrfu li l-istandards applikati fil-pajjiż terz huma ekwivalenti għall-Istandards Komunitarji.

(18) Għandhom jiġu previsti penali għal ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Dawk il-penali għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u diswassivi.

ADDOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*
**Għanijiet**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli komuni għall-ħarsien ta' l-avjazzjoni ċivili min atti ta' interferenza illegali.

Jipprovdi wkoll il-bażi għal interpretazzjoni komuni dwar il-ħarġa ta' April 2002 ta' l-Anness 17 għall-Konvenzjoni ta' Chicago dwar l-Avjazzjoni Ċivili tas-7 ta' Diċembru 1944.

2. Il-mezzi sabiex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 għandhom ikunu:

---

6 ĠU L 317, tat-3.12.2001, p. 1.
7 ĠU L 184, tas-17. 7.1999, p.23.

a) l-istabbiliment ta' regoli u standards komuni dwar is-sigurtà ta' l-avjazzjoni;

b) mekkaniżmi għas-sorveljanza tal-konformità.

*Artikolu 2*
**Ambitu**

Dan ir-Regolament m' għandux japplika għal dawn li ġejjin:

a) l-ajruporti kollha li jaqdu l-avjazzjoni ċivili li jinsabu fit-territorju ta' Stat Membru;

b) l-operaturi kollha, inklużi trasportaturi bl-ajru, li jipprovdu servizzi f'ajruporti msemmija fil-punt (a);

c) l-entitajiet kollha li joperaw minn postijiet fi ħdan jew barra minn ajruporti u li jipprovdu merkanzija u/jew servizzi lil jew permezz ta' l-ajruporti msemmija fil-punt (a).

*Artikolu 3*
**Definizzjonijiet**

Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament:

1. 'avjazzjoni ċivili' tfisser kwalunkwe operazzjoni tat-trasport bl-ajru, kemm kummerċjali u kemm jekk le, kif ukoll kemm operazzjonijiet skedati u mhux skedati, iżda bl-esklużjoni ta' operazzjonijiet esegwiti minn inġenji ta' l-ajru statali msemmija fl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni ta' Chicago dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali ta' l-1944.

2. 'sigurtà ta' l-avjazzjoni' tfisser il-kombinazzjoni ta' miżuri u ta' riżorsi umani u naturali maħsuba għall-ħarsien ta' l-avjazzjoni ċivili kontra atti ta' interferenza illegali.

3. 'operatur' tfisser persuna, organizzazzjoni jew intrapriża impenjata, jew li toffri li timpenja ruħha f'operazzjonijiet tat-trasport bl-ajru;

4. 'trasportatur ta' l-ajru' tfisser impriża tat-trasport bl-ajru li jkollha liċenzja operattiva valida;

5. 'Trasportatur bl-ajru Komunitarju'' tfisser trasportatur bl-ajru b'liċenzja operattiva valida mogħtija minn Stat Membru skond ir-Regolament (KEE) Nru 2407/92[8];

6. 'artikoli pprojbiti' tfisser armi, splussivi jew tagħmir perikoluż ieħor, oġġetti jew sustanzi li jistgħu jintużaw biex isir att ta' intereferenza illegali;

7. 'skrining' tfisser l-applikazzjoni ta' mezzi tekniċi jew mezzi oħra li huma maħsuba biex jidentifikaw u/jew jikxfu oġġetti pprojbiti.

---

8 ĠU L 240, ta' l-24.8.1992, p. 1.

8. 'kontroll tas-sigurtà' tfisser l-applikazzjoni ta' mezzi sabiex ma jitħallewx jiġu introdotti oġġetti pprojbiti;

9. 'kontroll ta' l-aċċess' tfisser l-applikazzjoni ta' mezzi sabiex ma jitħallewx jidħlu persuni u/jew vetturi mhux awtorizzati;

10. 'in-naħa ta' l-ajru' tfisser in-naħa ta' moviment ta' l-ajruport, u artijiet u bini li jmissu magħha jew partijiet minnhom, li l-aċċess għalihom huwa ristrett;

11. 'in-naħa ta' l-art' tfisser dawk in-naħat ta' l-ajruport, artijiet u bini li jmissu magħhom jew partijiet minnhom, li mhumiex fuq in-naħa ta' l-ajru;

12. 'żona ristretta ta' sigurtà' tfisser dik il-parti tan-naħa ta' l-ajru fejn, flimkien mar-restrizzjonijiet fuq l-aċċess, jiġi applikat kontroll fuq l-aċċess;

13. 'żona demarkata' tfisser żona li hija separata permezz ta' kontroll fuq l-aċċess jew minn żoni ta' restrizzjonijiet ta' sigurtà, jew, jekk iż-żona demarkata nnifisha hija żona ristretta ta' sigurtà, minn żoni ristretti oħra ta' sigurtà ta' ajruport;

14. 'background check' tfisser kontroll li jista' jiġi vverifikat ta' l-identità ta' persuna, inkluża l-kondotta, bħala parti mill-evalwazzjoni ta' kemm hu xieraq li l-individwu jkollu aċċess mingħajr skorta għal żoni ta' restrizzjonijiet ta' sigurtà;

15. 'passiġġieri, bagalji jew tagħbija ta' trasferiment' tfisser passiġġieri, bagalji jew tagħbija li se jitilqu fuq inġenju ta' l-ajru li mhuwiex dak li waslu bih;

16. 'passiġġieri, bagalji jew tagħbija ta' tranżitu' tfisser passiġġieri, bagalji jew tagħbija li se jitilqu fuq inġenju ta' l-ajru li huwa dak li waslu bih;

17. 'passiġġier potenzjalment ta' sfrattu' tfisser passiġġier li jew huwa deportat, jew persuna li titqies bħala inammissibbli għal raġunijiet ta' immigrazzjoni jew persuna f'kustodja legali;

18. 'bagalji tal-kabina' tfisser bagalji maħsuba għal trasport fil-kabina ta' inġenju ta' l-ajru.

19. 'bagalji ta' l-istiva' tfisser bagalji maħsuba għal trasport fl-istiva ta' inġenju ta' l-ajru.

20. 'bagalji ta' l-istiva akkumpanjati' tfisser bagalji aċċettati għal trasport fl-istiva ta' inġenju ta' l-ajru, li fuqu jkun abbord il-passiġġier li rreġistraha.

21. 'posta tat-trasportatur bl-ajru' tfisser posta li l-oriġni u d-destinazzjoni tagħha huma t-tnejn trasportatur bl-ajru;

22. 'materjali tat-trasportatur bl-ajru' tfisser materjali li l-oriġni u d-destinazzjoni tagħhom huma t-tnejn trasportatur bl-ajru jew li jintużaw minn trasportatur bl-ajru;

23. 'tagħbija' tfisser kull proprjetà maħsuba li tinġarr fuq inġenju ta' l-ajru li mhijiex bagalji, posta u materjali tat-trasportaturi bl-ajru u provvisti għat-titjira;

24. 'aġent regolat' tfisser trasportatur bl-ajru, aġent, intermedjarju tal-merkanzija jew kull entità li tipprovdi kontrolli ta' sigurtà skond dan ir-Regolament fir-rigward tat-tagħbija;

25. 'konsenjatur magħruf' tfisser konsenjatur li mingħandu titlaq tagħbija u li l-proċeduri tiegħu jissodisfaw regoli u standards komuni ta' sigurtà biżżejjed li jippermettu l-ġarr ta' dik it-tagħbija fuq kwalunkwe inġenju ta' l-ajru mingħajr aktar skrining;

26. 'konsenjatur bil-kont' tfisser konsenjatur li mingħandu titlaq tagħbija u li l-proċeduri tiegħu jissodisfaw regoli u standards komuni ta' sigurtà biżżejjed li jippermettu l-ġarr ta' dik it-tagħbija fuq inġenji ta' l-ajru li jġorru biss it-tagħbija mingħajr aktar skrining;

27. 'kontroll ta' inġenju ta' l-ajru' tfisser spezzjoni ta' dawk il-partijiet tal-ġewwieni ta' l-inġenju ta' l-ajru li għalihom jistgħu jkollhom aċċess il-passiġġieri, flimkien ma' spezzjoni ta' l-istiva ta' l-inġenju ta' l-ajru sabiex jinsabu oġġetti projbiti u interferenzi illegali ma' l-inġenju ta' l-ajru;

28. 'tiftixa fuq l-inġenju ta' l-ajru' tfisser spezzjoni tal-ġewwieni u ta' l-esterjur aċċessibbli ta' l-inġenju ta' l-ajru sabiex jinsabu oġġetti projbiti u interferenzi illegali ma' l-inġenju ta' l-ajru;

29. 'uffiċjal ta' sigurtà abbord titjira' tfisser persuna li hija impjegata minn Stat Membru sabiex tivvjaġġja fuq inġenju ta' l-ajru tat-trasportatur bl-ajru bil-liċenzja mingħandu bil-għan li jipproteġi dak l-inġenju ta' l-ajru u l-okkupanti tiegħu kontra atti ta' interferenza illegali.

*Artikolu 4*

**Standards Komuni**

1. L-istandards komuni għall-ħarsien ta' l-avjazzjoni ċivili kontra atti ta' interferenza illegali huma stipulati fl-Anness.

2. Ir-regoli u l-proċeduri dettaljati għall-implimentazzjoni ta' l-istandards komuni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu stabbiliti skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 16(2).

Dawn il-miżuri jindirizzaw, partikolarment:

a) metodi ta' skrining, kontroll għall-aċċess u kontrolli oħra ta' sigurtà;

b) metodi ta' eżekuzzjoni ta' kontrolli u tiftix fuq l-inġenju ta' l-ajru;

c) oġġetti pprojbiti;

d) kriterji ta' eżekuzzjoni u t-testijiet ta' aċċettazzjoni għat-tagħmir

e) rekwiżiti tar-reklutaġġ u t-taħriġ ta' l-istaff;

f) id-definizzjoni ta' partijiet kritiċi ta' żoni ristretti ta' sigurtà;

g) l-obbligi ta', u l-proċeduri ta' validazzjoni għal, aġenti regolati, konsenjaturi magħrufa u konsenjaturi b'kont;

h) kategoriji ta' persuni u oġġetti li għal raġunijiet oġġettivi għandhom ikunu soġġetti għal proċeduri speċjali ta' sigurtà jew li għandhom jiġu eżentati mill-iskrining, kontroll ta' l-aċċess jew kontrolli oħra tas-sigurtà.

B'deroga mill-istandards komuni msemmija fil-paragrafu 1, il-miżuri u l-proċeduri jistgħu ukoll jindirizzaw l-iskrining, il-kontroll ta' l-aċċess u kontrolli oħra ta' sigurtà li jipprovdu livell adegwat ta' protezzjoni fl-ajruporti, jew fiż-żoni demarkati tagħhom. Miżuri alternattivi bħal dawn għandhom ikunu ġustifikati b'raġunijiet marbuta mad-daqs ta' l-inġenju ta' l-ajru, in-natura ta' l-operazzjoni u/jew il-frekwenza ta' l-operazzjonijiet fl-ajruporti kkonċernati.

3. L-Istati Membri għandhom jassiguraw l-applikazzjoni ta' l-istandards komuni li jissemmew fil-paragrafu 1.

*Artikolu 5*
**Miżuri aktar stretti applikati mill-Istati Membri**

1. L-Istati Membri jistgħu japplikaw miżuri aktar stretti mill-istandards komuni kif stipulati fl-Artikolu 4. Meta jagħmlu dan, għandhom jaġixxu abbażi ta' evalwazzjoni tar-riskju u b'aderenza mal-liġi Komunitarja. Miżuri aktar stretti għandhom ikunu rilevanti, oġġettivi, mhux diskriminatorji u proporzjonati mar-riskju li jkun qed jiġi indirizzat.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'miżuri bħal dawn.

2. Il-Kummissjoni tista' teżamina l-applikazzjoni tal-paragrafu 1 u, wara li tikkonsulta l-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 16(1), tista' tiddeċiedi jekk Stat Membru hux permess li jkompli japplika l-miżuri.

Il-Kummissjoni għandha tikkomunika d-deċiżjoni tagħha lill-Kunsill u lill-Istati Membri.

Fi żmien xahar li d-deċiżjoni tiġi kkomunikata mill-Kummissjoni, Stat Membru jista' jirreferi d-deċiżjoni lill-Kunsill. Il-Kunsill, billi jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata, jista' fi żmien perjodu ta' tliet xhur jieħu deċiżjoni differenti.

3. It-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, u l-paragrafu 2, m'għandhomx japplikaw jekk il-miżuri aktar stretti huma limitati għal titjira speċifika f'data speċifika.

*Artikolu 6*
**Miżuri ta' sigurtà li jesiġu pajjiżi terzi**

1. Mingħajr preġudizzju għal ftehimiet bilaterali li għalihom hija parti l-Komunità, Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni b'miżuri rekwiżiti minn pajjiż terz jekk dawn huma differenti mill-istandards komuni kif stipulati fl-Artikolu 4 fir-rigward ta' titjiriet minn ajruport fi Stat Membru lejn, jew minn fuq, dak il-pajjiż terz.

2. Fuq talba ta' l-Istat Membru kkonċernat jew fuq inizjattiva tagħha, il-Kummissjoni tista' teżamina l-applikazzjoni tal-paragrafu 1 u, wara li tikkonsulta l-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 16(1), tista' tiddeċiedi jekk Stat Membru, operatur jew entità oħra humiex permessi li jkomplu japplikaw il-miżuri.

Il-Kummissjoni għandha tikkomunika d-deċiżjoni tagħha lill-Kunsill u lill-Istati Membri.

3. Il-paragrafi1 u 2 ma japplikawx jekk:

a) l-Istat Membru kkonċernat japplika l-miżuri kkonċernati skond l-Artikolu 5; jew

b) ir-rekwiżit tal-pajjiż terz huwa limitat għal titjira partikolari f'data speċifika.

*Artikolu 7*

**Awtorità nazzjonali**

Meta, fi Stat Membru wieħed, hemm żewġ korpi jew entitajiet, jew ukoll aktar, li huma involuti fis-sigurtà ta' l-avjazzjoni, dak l-Istat Membru għandu jiddeżinja awtorità unika (minn issa 'l quddiem "l-awtorità nazzjonali") li għandha tkun responsabbli għall-koordinazzjoni u s-sorveljanza ta' l-implimentazzjoni ta' l-istandards komuni msemmija fl-Artikolu 4.

*Artikolu 8*

**Programmi**

Stati Membri, operaturi ta' l-ajruport, trasportaturi bl-ajru u entitajiet oħra li japplikaw standards ta' sigurtà ta' l-avjazzjoni għandhom ikunu responsabbli għat-tfassil, l-applikazzjoni u l-manutenzjoni tal-programmi rispettivi ta' sigurtà bil-mod stabbilit fl-Artikoli 9 sa 12.

Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jesegwixxu l-funzjoni wiesgħa ta' kontroll tal-kwalità ddefinita fl-Artikolu13.

*Artikolu 9*

**Programm nazzjonali ta' sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili**

1. Kull Stat Membru għandu jfassal, japplika u jżomm programm nazzjonali ta' l-avjazzjoni ċivili.

Dak il-programm għandu jiddefinixxi r-responsabbiltajiet għall-implimentazzjoni ta' l-istandards komuni msemmija fl-Artikolu 4 u għandu jiddeskrivi l-miżuri li jesiġu l-operaturi u entitajiet oħra għal dan il-għan.

2. L-awtorità nazzjonali għandha tagħmel disponibbli bil-kitba l-partijiet xierqa tal-programm nazzjonali ta' sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili lill-operaturi u l-entitajiet b'interess leġittimu.

*Artikolu 10*
**Programm ta' sigurtà ta' l-ajruporti**

1. Kull Stat Membru għandu jfassal, japplika u jżomm programm ta' sigurtà ta' l-ajruporti.

Dak il-programm għandu jiddeskrivi l-metodi u l-proċeduri li għandu jsegwi operatur ta' ajruport sabiex jaderixxi kemm ma' dan ir-Regolament kif ukoll mal-programm nazzjonali ta' sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili ta' l-Istat Membru li fih jinsab l-ajruport.

Il-programm għandu wkoll jiddeskrivi kif l-aderenza ma' dawn il-metodi u proċeduri hija sorveljata mill-operatur ta' l-ajruport.

2. Il-programm ta' sigurtà ta' l-ajruport għandu jitressaq lill-awtorità nazzjonali.

*Artikolu 11*
**Programm ta' sigurtà tat-trasportaturi bl-ajru**

1. Kull Stat Membru għandu jfassal, japplika u jżomm programm ta' sigurtà tat-trasportaturi bl-ajru.

Dak il-programm għandu jiddeskrivi l-metodi u l-proċeduri li għandu jsegwi trasportatur bl-ajru sabiex jaderixxi kemm ma' dan ir-Regolament kif ukoll mal-programm nazzjonali ta' sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili ta' l-Istat Membru li minnu jipprovdi s-servizzi.

Il-programm għandu wkoll jiddeskrivi kif l-aderenza ma' dawn il-metodi u proċeduri hija sorveljata mit-trasportatur bl-ajru.

2. Fuq talba, il-programm ta' sigurtà tat-trasportatur bl-ajru għandu jitressaq lill-awtorità nazzjonali.

*Artikolu 12*
**Programm ta' sigurtà ta' entità li tapplika l-istandards ta' sigurtà ta' l-avjazzjoni**

1. Kull entità li tapplika l-istandards ta' sigurtà ta' l-avjazzjoni għandha tfassal, tapplika u żżomm programm ta' sigurtà.

Dak il-programm għandu jiddeskrivi l-metodi u l-proċeduri li għandha ssegwi l-entità biex taderixxi kemm ma' dan ir-Regolament kif ukoll mal-programm nazzjonali ta' sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili ta' l-Istat Membru li fih tinsab.

Il-programm għandu wkoll jiddeskrivi kif l-aderenza ma' dawn il-metodi u proċeduri għandha tiġi sorveljata mill-entità nnifisha.

2. Fuq talba, il-programm ta' sigurtà ta' l-entità li tapplika standards ta' sigurtà ta' l-avjazzjoni għandu jitressaq lill-awtorità nazzjonali.

*Artikolu 13*
**Programm nazzjonali ta' kontroll tal-kwalità**

1. Kull Stat Membru għandu jfassal, u jassigura l-implimentazzjoni ta' programm nazzjonali ta' kontroll tal-kwalità.

   Dak il-programm għandu jippermetti lill-Istat Membru li jikkontrolla l-kwalità tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili sabiex jissorvelja l-aderenza kemm ma' dan ir-Regolament kif ukoll mal-programm nazzjonali ta' sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili tiegħu.

2. L-ispeċifikazzjonijiet għall-programm nazzjonali ta' kontroll tal-kwalità għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 16(2).

   Il-programm għandu jippermetti d-ditezzjoni u t-tiswija mħaġġla tan-nuqqasijiet. Għandu wkoll jipprevedi li l-ajruporti, l-operaturi u l-entitajiet l-oħra kollha responsabbli għall-applikazzjoni ta' l-istandards ta' sigurtà li jinsabu fit-territorju ta' l-Istat Membru kkonċernat għandhom ikunu ssorveljati regolarment minn, jew taħt is-superviżjoni ta', l-awtorità nazzjonali.

*Artikolu 14*
**Spezzjonijiet mill-Kummissjoni**

1. Il-Kummissjoni, hi u taġixxi f'kooperazzjoni ma' l-awtorità nazzjonali, għandha tagħmel spezzjonijiet – inklużi spezzjonijiet ta' ajruporti, operaturi u entitajiet li japplikaw standards ta' sigurtà ta' l-avjazzjoni – sabiex tissorvelja l-applikazzjoni mill-Istati Membri ta' dan ir-Regolament u sabiex tidentifika punti dgħajfa fis-sigurtà ta' l-avjazzjoni. Għal dan il-għan, l-awtorità nazzjonali għandha tinforma lill-Kummissjoni bil-miktub bl-ajruporti kollha fit-territorju tagħha li jaqdu l-avjazzjoni ċivili minbarra dawk koperti mit-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 4(2).

   Il-proċeduri biex isiru l-ispezzjonijiet mill-Kummissjoni għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 16(2).

2. Spezzjonijiet mill-Kummissjoni ta' ajruporti, operaturi u entitajiet oħra li japplikaw standards ta' sigurtà ta' l-avjazzjoni għandhom isiru għall-għarrieda.

3. Kull spezzjoni mill-Kummissjoni għandha tiġi kkomunikata lill-awtorità nazzjonali ta' l-Istat Membru kkonċernat, li għandu, fit-tweġiba tiegħu, jelenka l-miżuri meħuda b'rimedju għal kull nuqqas identifikat.

   Ir-rapport, flimkien mar-risposta ta' l-awtorità nazzjonali, għandu sussegwentement jiġi kkomunikat lill-awtoritajiet nazzjonali kollha l-oħra.

*Artikolu 15*
**Tixrid ta' l-informazzjoni**

Id-dokumenti li ġejjin għandhom jitqiesu bħala "dokumenti kklassifikati ta' l-UE" għall-għanijiet tad-Deċiżjoni 2001/844/KE, KEFA, Euratom, u m'għandhomx jitqiegħu għad-disponibbiltà tal-pubbliku:

a) miżuri u proċeduri kif jissemmew fl-Artikolu 4(2), jekk ikun fihom informazzjoni sensittiva marbuta mas-sigurtà;

b) rapporti ta' spezzjoni mill-Kummissjoni u risposti ta' l-awtoritajiet nazzjonali, kif jissemma fl-Artikolu 14(3).

*Artikolu 16*
**Il-Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna minn kumitat (minn issa 'l quddiem "il-Kumitat").

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu msemmi fl-Artikolu 5(6) ta' Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi stabbilit għal xahar.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

*Artikolu 17*
**Pajjiżi terzi**

Ftehimiet li jirrikonoxxu li l-istandards ta' sigurtà applikati f'pajjiż terz huma ekwivalenti għall-istandards Komunitarji jistgħu jiġu konklużi bejn il-Komunità u pajjiż terz skond l-Artikolu 300 tat-Trattat.

*Artikolu 18*
**Penalitajiet**

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar il-penalitajiet applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jassiguraw li jiġu implimentati. Il-penalitajiet previsti jridu jkunu effettivi, propozjonati u disswassivi.

*Artikolu 19*
**Revoka**

Ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 hu revokat.

*Artikolu 20*
**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Għandu japplika minn [...], bl-eċċezzjoni ta' l-Artikoli 4(2), 13(2), 14(1) u 16 li għandhom japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

# ANNESS

STANDARDS KOMUNI GĦALL-ĦARSIEN TA' L-AVJAZZJONI ĊIVILI KONTRA ATTI TA' INTERFERENZA ILLEGALI (ARTIKOLU 4)

## 1. SIGURTÀ TA' L-AJRUPORT

### 1.1 Rekwiżiti ta' l-ippjanar ta' ajruport

1. Fid-disinn u l-bini ta' faċilitajiet ġodda ta' l-ajruport, jew fit-tibdil ta' faċilitajiet diġà eżistenti ta' l-ajruport, għandhom jitqiesu bis-sħiħ ir-rekwiżiti għall-implimentazzjoni ta' l-istandards komuni msemmija f'dan l-Anness u l-atti ta' implimentazzjoni.

2. Fl-ajruporti, iż-żoni li ġejjin għandhom jiġu stabbiliti:

a) in-naħa ta' l-art;

b) in-naħa ta' l-ajru;

c) żoni ristretti ta' sigurtà u

d) partijiet kritiċi ta' żoni ristretti ta' sigurtà;

### 1.2 Kontroll ta' Aċċess

1. L-aċċess għan-naħa ta' l-ajru għandu jkun ristrett sabiex persuni u vetturi mhux awtorizzati jinżammu milli jidħlu f'dawn iż-żoni.

2. L-aċċess għal żoni ristretti ta' sigurtà għandu jkun ikkontrollat sabiex persuni u vetturi mhux awtorizzati ma jidħlux f'dawn iż-żoni.

3. Persuni u vetturi jistgħu biss jingħataw aċċess għan-naħa ta' l-ajru u żoni ristretti ta' sigurtà jekk jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' sigurtà rekwiżiti.

4. Qabel ma tinħariġlu karta ta' identifikazzjoni ta' l-ekwipaġġ, membru ta' l-ekwipaġġ ta' abbord ta' trasportatur bl-ajru tal-Komunità għandu jkun għadda b'suċċess "background check" li jkun għamillu l-Istat Membru li joħroġ il-liċenzja.

5. Qabel ma tinħariġlu karta ta' identifikazzjoni ta' l-ajruport li tawtorizza aċċess għal żoni ristretti ta' sigurtà, membru ta' l-istaff għandu jkun għadda b'suċċess "background check" li jkun għamillu l-Istat Membru li li fih jinsab l-ajruport. Dan m'għandux japplika għal membri ta' l-ekwipaġġ li tkun inħarġitilhom karta ta' identifikazzjoni ta' l-ekwipaġġ, kif jissemma fil-paragrafu 4.

### 1.3 Skrining ta' persuni minbarra passiġġieri u l-oġġetti li jġorru

1. Persuni minbarra passiġġieri, flimkien ma' l-oġġetti li jġorru, għandhom jiġu "screened" fuq bażi kontinwa aleatorja meta jidħlu fiż-żoni ristretti ta' sigurtà sabiex oġġetti pprojbiti ma jitħallewx jidħlu f'dawn iż-żoni.

2. Persuni minbarra passiġġieri, flimkien ma' l-oġġetti li jġorru, għandhom jiġu "screened" meta jidħlu fil-partijiet kritiċi taż-żoni ristretti ta' sigurtà sabiex oġġetti pprojbiti ma jitħallewx jidħlu f'dawn iż-żoni.

### 1.4 Eżaminazzjoni tal-vetturi

Vetturi li jidħlu f'żona ristretta ta' sigurtà għandhom jiġu eżaminati sabiex oġġetti pprojbiti ma jitħallewx jidħlux f'dawn iż-żoni.

### 1.5 Sorveljanza, għassa u kontrolli fiżiċi oħra

Għandu jkun hemm sorveljanza, għassa u kontrolli fiżiċi oħra fiż-żoni ristretti ta' sigurtà u ż-żoni kollha li jmissu magħhom b'aċċess pubbliku, sabiex tiġi identifikata mġiba suspettuża ta' persuni, jiġu identifikati punti ta' dgħufija li jistgħu jiġu sfruttati sabiex jitwettqu atti ta' interferenza illegali u sabiex persuni jinżammu lura milli jwettqu atti bħal dawn.

## 2. ŻONI DEMARKATI TA' L-AJRUPORTI

Inġenji ta' l-ajru ppjarkati f'żoni demarkati ta' ajruporti li għalihom l-ebda miżuri alternattivi msemmija fit-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 4(2) ma japplikaw, għandhom ikunu separati minn inġenji ta' l-ajru li għalihom l-istandards komuni stipulati fl-Anness japplikaw bis-sħiħ, sabiex jiġi evitat li l-istandards ta' sigurtà applikati lill-inġenji ta' l-ajru,i l-passiġġieri, il-bagalji u t-tagħbija ta' dan ta' l-aħħar jiġu kompromessi.

## 3. SIGURTÀ TA' L-INĠENJI TA' L-AJRU

1. Jekk passiġġieri jiżbarkaw inġenju ta' l-ajru, l-inġenju ta' l-ajru għandu jiġi soġġett għal kontroll ta' l-inġenju ta' l-ajru qabel it-tluq sabiex jiġi żgurat li l-ebda oġġett ipprojbit ma jkun abbord.

2. Kull inġenju ta' l-ajru għandu jitħares minn interferenza mhux awtorizzata.

3. Kull inġenju ta' l-ajru li ma kienx protett minn interferenza mhux awtorizzata għandu jkun soġġett għal tiftixa abbord.

## 4. PASSIĠĠIERI U BAGALJI TAL-KABINI

### 4.1 Skrining tal-passiġġieri u tal-bagalji tal-kabina

1. Il-passiġġieri kollha ta' oriġni, ta' trasferiment jew ta' tranżitu u l-bagalji tal-kabina tagħhom għandhom jgħaddu minn skrining sabiex oġġetti pprojbiti ma jitħallewx jiddaħħlu f'żoni ristretti ta' sigurtà u abbord inġenju ta' l-ajru.

2. Passiġġieri ta' trasferiment u l-bagalji tal-kabina tagħhom jistgħu jiġu eżentati mill-iskrining, jekk:

    a) jaslu minn Stat Membru, sakemm il-Kummissjoni jew dak l-Istat membru pprovda informazzjoni li dawk il-passiġġieri u l-bagalji tal-kabina tagħhom ma jistgħux jitqiesu bħala mgħoddija mill-iskrining bl-istandards komuni; jew

b) jaslu minn pajjiż terz li miegħu il-Komunità għandha ftehim kif jissemma fl-Artikolu 17 li jirrikonoxxi li dawn il-passiġġieri u l-bagalji tal-kabina tagħhom għaddew minn skrining bi standards ta' sigurtà ekwivalenti għall-istandards Komunitarji.

3. Passiġġieri ta' tranżitu u l-bagalji tal-kabina tagħhom jistgħu jiġu eżentati mill-iskrining, jekk:

a) jibqgħu abbord l-inġenju ta' l-ajru; jew

b) ma jitħalltux ma' passiġġieri li se jitilqu li diġa għaddew mill-iskrining minbarra dawk għat-tlugħ fuq l-istess inġenju ta' l-ajru; jew

c) jaslu minn Stat Membru, sakemm il-Kummissjoni jew dak l-Istat Membru ma pprovdewx informazzjoni li dawk il-passiġġieri u l-bagalji tal-kabina tagħhom ma jistgħux jitqiesu bħala mgħoddija mill-iskrining bl-istandards komuni; jew

d) jaslu minn pajjiż terz li miegħu il-Komunità għandha ftehim kif jissemma fl-Artikolu 17 li jirrikonoxxi li dawn il-passiġġieri u l-bagalji tal-kabina tagħhom għaddew minn skrining bi standards ta' sigurtà ekwivalenti għall-istandards Komunitarji.

**4.2 Ħarsien tal-passiġġieri u tal-bagalji tal-kabina**

1. Passiġġieri u l-bagalji tal-kabina tagħhom għandhom jiġu protetti minn interferenzi mhux awtorizzati mill-punt li fih jiġu "screened" sat-tluq ta' l-inġenju ta' l-ajru li fuqu jinġarru.

2. Passiġġieri għat-tluq li għaddew mill-iskrining m'għandhomx jitħalltu ma' passiġġieri li waslu, sakemm:

a) il-passiġġieri jaslu minn Stat Membru, jekk il-Kummissjoni, jew dak l-Istat Membru, ma pprovdietx informazzjoni li dawk il-passiġġieri li qed jaslu u l-bagalji tal-kabina tagħhom ma jistgħux jitqiesu bħala mgħoddija mill-iskrining bl-istandards komuni; jew

b) il-passiġġieri jaslu minn pajjiż terz li miegħu il-Komunità għandha ftehim kif jissemma fl-Artikolu 17 li jirrikonoxxi li dawn il-passiġġieri għaddew minn skrining bi standards ta' sigurtà ekwivalenti għall-istandards Komunitarji.

**4.3 Passiġġieri b'potenzjal ta' sfrattu**

Qabel it-tluq passiġġieri b'potenzjal ta' sfrattu għandhom jiġu soġġetti għal miżuri xierqa ta' sigurtà.

## 5. BAGALJI TA' L-ISTIVA

**5.1 Skrining tal-bagalji ta' l-istiva**

1. Il-bagalji kollha ta' l-istiva għandhom jiġu "screened" qabel ma jitgħabbew fuq l-inġenju ta' l-ajru.

2. Bagali ta' l-istiva ta' trasferiment jistgħu jiġu eżentati mill-iskrining, jekk:

a) jaslu minn Stat Membru, sakemm il-Kummissjoni jew dak l-Istat Membru ma pprovdewx informazzjoni li dawk il-bagalji ta' l-istiva ma jistgħux jitqiesu bħala mgħoddija mill-iskrining bl-istandards komuni; jew

b) jaslu minn pajjiż terz li miegħu il-Komunità għandha ftehim kif jissemma fl-Artikolu 17 li jirrikonoxxi li dawn il-bagalji ta' l-istiva għaddew minn skrining bi standards ta' sigurtà ekwivalenti għall-istandards Komunitarji.

3. Bagali ta' l-istiva ta' tranżitu jistgħu jiġu eżentati mill-iskrining jekk jibqgħu abbord l-inġenju ta' l-ajru.

### 5.2 Protezzjoni tal-bagalji ta' l-istiva

Bagalji ta' l-istiva li għandhom jinġarru fuq inġenju ta' l-ajru għandhom jiġu protetti minn interferenza mhux awtorizzata mill-punt li fih jgħaddu mill-iskrining jew li ġew aċċettati għand it-trasportatur ta' l-ajru, skond liema jiġi l-ewwel, sat-tluq ta' l-inġenju ta' l-ajru li fuqu għandhom jinġarru.

### 5.3 Tqabbil tal-bagalji

1. Kull biċċa tagħbija/bagalja fl-istiva għandha tiġi identifikata bħala akkumpanjata jew mhux akkumpanjata. Il-bagalji ta' l-istiva ta' passiġġier li għamel iċ-ċek in għal titjira iżda li mhux abbord l-inġenju ta' l-ajru għandhom jiġu identifikati bħala mhux akkumpanjati.

2. Bagalji ta' l-istiva mhux akkumpanjati m'għandhomx jinġarru, sakemm dawk il-bagalji jew ġew isseparati minħabba fatturi li jmorru lil hinn mill-kontroll tal-passiġġier, jew suġġetti għal kontrolli addizzjonali ta' sigurtà.

## 6. TAGĦBIJA

### 6.1 Kontrolli ta' sigurtà għat-tagħbija

1. It-tagħbija kollha għandha tkun soġġetta għal kontroll ta' sigurtà qabel ma titgħabba fuq l-inġenju ta' l-ajru. Trasportatur bl-ajru m'għandux jaċċetta tagħbija għall-ġarr fuq inġenju ta' l-ajru sakemm l-applikazzjoni ta' kontrolli tas-sigurtà m'hijiex ikkonfermata aċċettata fir-responsabbiltà ta' aġent regolat, konsenjatur magħruf jew konsenjatur bil-kont.

2. Tagħbija ta' trasferiment għandha tkun soġġetta għal kontrolli ta' sigurtà kif dettaljat f'att ta' implimentazzjoni.

3. Tagħbija ta' tranżitu tista' tiġi eżentata minn kontrolli ta' sigurtà jekk tibqa' abbord l-inġenju ta' l-ajru.

### 6.2 Protezzjoni tat-tagħbija

1. Tagħbija li għandha tinġarr fuq inġenju ta' l-ajru għandha tiġi protetta minn interferenzi mhux awtorizzati mill-punt li fih jiġu applikati l-kontrolli ta' sigurtà sat-tluq ta' l-inġenju ta' l-ajru li fuqu għandha tinġarr.

2. Tagħbija li mhix protetta b'mod adegwat minn interferenzi mhux awtorizzati wara li ġew applikati l-kontrolli ta' sigurtà għandhom jiġu "screened".

## 7. POSTA U MATERJALI TAT-TRASPORTATURI BL-AJRU

Posta u materjali tat-trasportaturi bl-ajru għandhom jiġu soġġetti għal kontrolli ta' sigurtà u wara dan protetti sakemm jitgħabbew fuq l-inġenju ta' l-ajru sabiex oġġetti pprojbiti ma jitħallewx jittellgħu fuq inġenju ta' l-ajru.

## 8. PROVVISTI GĦAT-TITJIRA

Provvisti għat-titjira, inkluż l-ikel u x-xorb, maħsuba għall-ġarr jew l-użu abbord inġenju ta' l-ajru għandhom jiġu soġġetti għal kontrolli ta' sigurtà u wara dan protetti sakem jittellgħu fuq l-inġenju ta' l-ajru sabiex oġġetti pprojbiti ma jitħallewx jittellgħu fuq inġenju ta' l-ajru.

## 9. PROVVISTI TA' L-AJRUPORT

Provvisti maħsuba għall-bejgħ jew l-użu f'żoni ristretti ta' sigurtà ta' l-ajruporti, inklużi l-provvisti għall-ħwienet tal-bejgħ mingħajr dazju u r-ristoranti, għandhom jiġu soġġetti għal kontrolli ta' sigurtà sabiex oġġetti pprojbiti ma jitħallewx jidħlu f'dawn iż-żoni.

## 10. MIŻURI TA' SIGURTÀ MATUL TITJIRA

1. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' regoli ta' sigurtà ta' l-avjazzjoni, persuni mhux awtorizzati m'għandhomx jitħallew jidħlu fil-kompartiment ta' l-ekwipaġġ ta' l-ajru matul titjira.

2. Mingħajr preġudizzju għar-regoli ta' sigurtà ta' l-avjazzjoni applikabbli, passiġġeri b'potenzjal ta' sfrattu għandhom jiġu soġġetti għal miżuri xierqa ta' sigurtà matul titjira.

3. Jekk, matul titjira, passiġġier jipprova jagħmel att ta' interferenza illegali, miżuri xierqa ta' sigurtà għandhom jittieħdu sabiex att bħal dan ma jitħalliex isir.

4. Armi m'għandhomx jinġarru abbord inġenju ta' l-ajru, sakemm ma tkunx ingħatat l-awtorizzazzjoni mill-Istat Membru kkonċernat u l-kundizzjonijiet rekwiżiti ta' sigurtà jkunu ġew sodisfatti.

5. Uffiċjali ta' sigurtà ta' matul it-titjira jistgħu biss jiġu mħaddma abbord inġenju ta' l-ajru jekk il-kundizzjonijiet u t-taħriġ meħtieġ ikunu twettqu. L-Istati Membri jżommu d-dritt li ma jawtorizzawx l-użu ta' uffiċjali ta' sigurtà matul it-titjira fuq titjiriet ta' trasportaturi bl-ajru li ħarġulhom il-liċenzja.

6. Il-paragrafi 1 sa 5 għandhom japplikaw biss għat-trasportaturi bl-ajru Komunitarji.

## 11. REKLUTAĠĠ U TAĦRIĠ TA' L-ISTAFF

1. Persuni li jimplimentaw, jew li huma responsabbli għall-implimentazzjoni, l-iskrining, il-kontroll ta' aċċess jew kontrolli oħra ta' sigurtà għandhom jiġu rreklutati, mħarrġa u ċċertifikati sabiex jiġi żgurat li huma tajbin għax-xogħol u kompetenti sabiex jieħdu r-responsabbiltajiet li se jiġu assenjati lilhom.

2. Persuni minbarra passiġġieri, li jeħtieġu aċċess għal żoni ristretti ta' sigurtà għandhom, qabel tinħarġilhom jew karta ta' l-identifikazzjoni ta' l-ajruport jew karta ta' l-identifikazzjoni ta' l-ekwipaġġ, jitħarrġu fil-qasam tas-sigurtà.

3. It-taħriġ kif imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 għandu jsir fuq bażi inizjali u rikorrenti.

4. L-għalliema li jieħdu ħsieb it-taħriġ tal-persuni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu kkwalifikati.

## 12. TAGĦMIR TA' SIGURTÀ

Tagħmir użat għall-iskrining, kontroll ta' aċċess u kontrolli oħra ta' sigurtà għandu jkun kapaċi jwettaq il-kontrolli ta' sigurtà kkonċernati.